**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonovich Muscat]**

**vs**

**Mario Busuttil**

**Kumpilazzjoni Numru: 155/11**

**Illum, 2 ta' Lulju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mario Busuttil detentur tal-karta tal-identita` numru 368060M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Jannar 2006 jew fil-jiem ta' qabel,

a. ikkorrompa lil Francis Catania, ufficcjal jew impjegat pubbliku, u irrenda ruhu komplici ma' l-istess Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, billi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficcjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd;

b. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju elfejn u hdax (2011) fejn gie mahsub li din il-Qorti ghandha ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi u cioe':-

a. fl-artikoli 120, 115 u 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 42 u 185 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 17, 23, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Illi dawn huma proceduri fejn l-imputat qed jigi akkuzat b'komplicita' ma' Francis Catania ghall-hrug tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat b'mezzi illegali u mhux skont il-procedura;

Illi f'dawn il-proceduri; apparti xhieda ohra li ftit li xejn ma taw dawl ghall-kaz, xehed finalment l-imsemmi Francis Catania; wara li l-kawza tieghu giet deciza definittivament; u fejn dan xehed bil-gurament illi lill-imputat ma kienx jafu u li qatt ma kien rah u li qatt ma kien kellmu;

Illi dan, flimkien mal-fatt illi mill-istqarrija tal-imputat ma hareg xejn l-anqas li jista' jinkrimina lill-imputat bl-akkuzi kif dedotti kontrih, ghalhekk dawn l-akkuzi ma gewx ippruvati.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Mario Busuttil hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u konsegwentement tilliberah minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**